## Il-programm Reading Recovery huwa effettiv

Meta tkun riċerkata l-effettività ta' programm, jassessjaw jekk intervent jaħdimx u jekk jistax ikun integrat fis-sistema edukattiva eżistenti. Hemm evidenza sostanzjali li tixhed l-effettività tal-programm Reading Recovery meta użat mal-istudenti l-aktar batuti f'firxa wiesgħa ta' kuntesti edukattivi.

**D'Agostino, J.V., & Harmey, S.J. (2016)**, *An International Meta-Analysis of Reading Recovery*, Journal of Education for Students Placed at Risk (JESPAR), Vol 21, NO.1, 29-46

## Il-Progress jibqa' sostnut

L-għan tal-programm Reading Recovery huwa li t-tfal mhux biss ilaħħqu ma' sħabhom imma li l-kisbiet mit-tagħlim jibqgħu jħaddnuhom, u għalhekk jibqgħu almenu fil-faxxa medja tal-kisbiet mit-tagħlim fil-litteriżmu. Għadd ġmielu ta' studji ta' riċerka u evalwazzjoni juru li l-istudenti tar-Reading Recovery iżommu u jtejbu l-ħiliet tagħhom wara li jkunu għamlu l-programm  Reading Recovery.

**Hurry, J. And Fridkin, L. (2018)**, *The impact of Reading Recovery ten years after intervention*, UCL Institute of Education

## Il-programm Reading Recovery jiswa prezzu

Il-benefiċċji fit-tul tal-litteriżmu, jissuperaw bil-bosta lill-ispiża li ssir f'perjodu qasir għat-tagħlim u t-tħejjija tal-għalliema. Meta l-intervent mat-tfal isir kmieni, wieħed jiffranka fi spejjeż akbar fuq l-edukazzjoni kumplimentari u programmi ta' litteriżmu oħra.

**Pro Bono Economics (2018)**, *Assessing the impact of the Reading Recovery programme.  An economic evaluation.*

**KPMG Foundation (2013)**, *KPMG Foundation Impact Report*

## Il-Distakk bejn it-tfal jista' jitnaqqas

B'implimentazzjoni tajba tal-programm Reading Recovery, fejn kważi t-tfal kollha jitħallew jirnexxu, id-distakk bejn it-tfal li jmexxu u l-oħrajn kważi jingħeleb għalkollox u għal dejjem. Dan jiġri minkejja li t-tfal ta' sitt snin li jiġu identifikati biex jagħmlu r-Reading Recovery ikunu l-aktar tfal batuti fil-qari u l-kitba fil-klassi tagħhom.

Kun af aktar billi taqra: [https://www.ucl.ac.uk/reading-recovery-europe/reading-recovery/research](https://www.ucl.ac.uk/reading-recovery-europe/reading-recovery/research)

Tista' wkoll tikkuntattja ċ-**Ċentru Internazzjonali tal-Litteriżmu**:

Email: ioe.ilc@ucl.ac.uk

**L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu:**

Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun

Email: marika.farrugia@ilearn.edu.mt

Tel: 2598 3325

Institute of Education

UCL

# Negħlbu l-illitteriżmu bis-saħħa tal-programm Reading Recovery



Reading Recovery Europe

National Literacy Agency

Naħdmu id f'id biex inwettqu r-Reading Recovery f'Malta

## Nofs siegħa kuljum għal 12 sa 20 ġimgħa biss

Il-programm Reading Recovery huwa intervent bikri msejjes fuq riċerka empirika għal tfal li wara sena skola ma jkunux mexjin bl-istess pass tal-oħrajn fil-qari u fil-kitba. L-għalliema jitħarrġu kif jgħollu l-livell ta' litteriżmu ta' dawn it-tfal permezz ta' lezzjonijiet imfassla apposta għalihom b'mod individwali.

Il-biċċa l-kbira tat-tfal jirnexxilhom jilħqu l-livell mistenni minnhom fl-età tagħhom f'perjodu ta' żmien qasir u ma jibqgħux jeħtieġu aktar għajnuna żejda.




## Lezzjonijiet differenti għal kull tifel u tifla

It-tfal ikollhom lezzjoni tar-Reading Recovery kuljum. F'dawn il-lezzjonijiet it-tfal:

- Jaqraw kotba li jkunu ġa qraw
- Jaqraw kotba waħidhom
- Jitħarrġu fl-ittri u l-kliem
- Jiktbu storja jew messaġġ
- Jgħaqqdu sentenzi
- Jitkellmu dwar kotba ġodda u jaqrawhom

It-tfal jiġu assessjati kuljum biex ikun assigurat li t-tagħlim jibda minn dak li jafu l-istudenti u jkompli b'dak li jkun meħtieġ jiġi mgħallem wara.

## L-Għalliema tar-Reading Recovery

L-għalliema jingħataw taħriġ intensiv ta' sena biex jitgħallmu jħaddmu l-proċeduri tar-Reading Recovery. L-għalliema tar-Reading Recovery jidentifikaw it-tfal li jkollhom bżonn l-aktar għajnuna, jiġifieri dawk it-tfal li tista' tgħid ma jkunu wrew l-ebda progress fil-litteriżmu fl-ewwel sena tal-iskola. Huma jgħallmu lit-tfal nofs siegħa kuljum u jgħinuhom isiru qarrejja u kittieba tajbin, mimlija ħeġġa u indipendenti, li jkunu kapaċi jibqgħu jitgħallmu qisu qatt ma kellhom diffikultà biex jitgħallmu.

L-għalliema magħżula jridu jkunu tal-esperjenza biex jibdew jitħarrġu fit-twettiq tar-Reading Recovery.




## Taħriġ u Għajnuna

L-għalliema tar-Reading Recovery jitħarrġu minn Mexxejja tal-Għalliema. Dawn tal-aħħar ikunu esperti fil-litteriżmu li jkunu ħadu taħriġ ta' livell ogħla fit-tagħlim tal-litteriżmu u t-tagħlim ta' tfal żgħar. Huma jkunu tħarrġu wkoll kif jaħdmu ma' għalliema sħabhom oħrajn bl-użu ta' skrin speċjali li minnu tara biss minn naħa waħda. L-għarfien tat-teknika jsir permezz ta' osservazzjoni fi gruppi u diskussjoni dwar l-istess teknika.

## Progress bir-Reading Recovery

It-tfal li jiġu identifikati biex jagħmlu l-programm Reading Recovery ikunu tfal li ftit jew xejn ikunu għamlu progress fil-litteriżmu fl-ewwel sena tagħhom ta' tagħlim fl-iskola. Bil-programm, f'20 ġimgħa t-tfal jagħmlu progress malajr ħafna minn dan il-livell;




għal dan;


Toby stopped, and BJ jumped down
to have a look at the car.
"Mm-mm," said BJ.
"The car must have been
going very fast.
The pole is cracked
and it could fall over."

"The power has been turned off,"
said the policewoman.

"I don't like the look of this job,
Toby," said BJ,
as he got back into the tow truck.
"That pole could move
when we pull the car away."

It-tfal jitjiebu wkoll fil-kitba. Ir-riċerka turi li r-Reading Recovery jagħti l-frott fi żmien qasir u l-effetti tiegħu jibqgħu jinħassu fit-tul.

## X'tgħid ir-riċerka?

Saret ħafna riċerka fuq ir-Reading Recovery, kemm l-Ingilterra kif ukoll fuq livell internazzjonali.